**<u>TRIBUNAL INDUSTRJALI</u>**

**Decizjoni Preliminari Numru: 2628**

**Kaz Numru: 3686/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Andrea Portelli**

**u**

**Universita` ta' Malta**

Illum 12 ta' Novembru, 2019

*dwar allegazzjoni ta' ngustizzja sofferta mill-esponent*

**<u>Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D</u>**

It-Tribunal,

Ra r-rikors datat 4 t'Ottubru, 2018, intavolat mir-rikorrent, Andrea Portelli, fejn talab lil dan it-Tribunal sabiex wara li jisma' l-provi kollha jghaddi biex jaghti dawk l-ordnijiet kollha opportuni lill-Universita` Ntimata sabiex jinstab rimedju ghall-ingustizzja sofferta mir-rikorrent, Andrea Portelli.

It-Tribunal, in oltre ra d-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-Intimata, l-Universita` ta' Malta, pprezentata fir-Registru fis-16 ta' Novembru, 2018, fejn l-Universita` ntimata resqet eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal f'tali kwistjonijiet. In oltre, l-intimata taghmel referenza ghall-artikolu 5 (2) tal-Kap 452 fejn ftehim kollettiv ghandu sahha ta' Ligi.

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-verbal tas-26 ta' Frar, 2019, fejn din il-kwsitjoni ta' xoghol giet differita ghas-7 ta' Mejju, 2019, sabiex tigi ttrattata l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimata. In oltre, t-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni saret fis-seduta tas-16 ta' Lulju, 2019, u dan wara li kienu saru diversi talbiet ta' differimenti mill-partijiet kontendenti, ghamlu t-trattazzjoni taghhom fuq l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Universita Ntimata.

**<u>Trattazzjoni</u>**

Dr. Chris Soler, ghall-Universita` ta' Malta, ossia l-intimata, sostna illi r-rikorrent qed jargumenta fuq kwistjoni li ma tinkwadrax fil-ligi. Ir-rapprezentant legali tal-Universita` ntimata jaghmel referenza ghall-artikolu 5 tal-Kap 452 fejn hemm stipulat li ftehim kollettiv ghandu s-sahha tal-ligi, u dan peress li l-istess ligi tirrikonoxxi l-ftehim kollettiv. Ftehim bejn *union* rikonoxxuta, u f'dan il-kaz UHM u l-Universita` ta' Malta, fejn ftehmu x'ghandu jirregola l-kundizzjonijiet tal-impjegati tal-Universita` ta' Malta. In oltre, Dr. Soler sahaq li r-rikorrent jekk kellu xi lment minhabba dan il-ftehim kollettiv dan missu mar iddiskuttih mall-*union* li kienet qieghda tirraprezzentah u mhux, *ex post facto,* jressaq dan l-ilment quddiem it-Tribunal Industrijali. L-ilment tar-rikorrent jittratta bidla fin-nomenklatura tal-kariga tieghu. Illi dan kollu sahaq, l-Avukat Soler, ma kienx kompetenza tat-Tribunal.

Mill-banda l-ohra, Dr. Deborah Attard, ghar-rikorrent Andrea Portelli, ssottomettiet li r-rikorrent sofra ngustizzja u li l-istess rikorrent kien permezz, tal-korrispondenza, lmenta dwar il-bidla fit-titolu tieghu. Dan kollu gie esebit mir-rikorrent u jinsab fil-process.

**Ikkunsidra: -**

Illi f'din il-kwistjoni ta' xoghol giet issollevata eccezzjoni dwar il-komptenza o meno ta' dan it-Tribunal. Ir-rikorrent f'din il-kwistjoni ta' xoghol qieghed jillanja li hassu aggravat peress li hu kien impjegat mall-Universita` ntimata bhala *Administrative Assistant* u dan skont korrispondenza li hu rcieva u li dan l-appuntament kien beda jghodd mill-14 t'April, 2018. Sussegwentement kien iffirmat ftehim kollettiv fl-20 ta' Marzu, 2018, liema ftehim kollettiv kien ghamel bidla fit-titli tal-impjegati tal-Universita`. Fl-20 ta' Gunju, 2018, ir-rikorrent gie appuntat bhala *Graduate Trainee.*

Illi dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal hemm diversi decizjonijiet u dwar il-ġurisdizzjoni esklussiva li ghandu t-Tribunal Industrijali. Fid-decizjoni, Karmenu Vella vs General Workers' Union, mohgtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Settembru, 2010, gie rilevat s-segwenti;

> *"Ghandu jinghad li l-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali ġiet konferita bil-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta b'deroga għall-ġurisdizzjoni ġenerali tal-qrati ordinarji. Għalhekk, salv fil-każijiet indikati fil-liġi stess, id-disposizzjonijiet tal-Kap.452 ma jistgħux jiġu nterpretati b'mod wiesgħa tant li jiġu estiżi sabiex jinkludu setgħat li l-leġislatur ma ndikax fil-liġi għax ma riedx li dawn jidħlu fil-parametri tas-setgħat tat-Tribunal. Fi kliem ieħor, il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setgħat li għandu huma dawk espressament indikati fil-liġi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tiegħu".*[1]

Illi f'dan il-bran ta' din id-decizjoni johrog car x'inhi l-intenzjoni tal-legislatur ghal dak li jikkoncerna l-poteri tat-Tribunal Industrijali. Illi fil-kaz in dezamina r-rikorrent qieghed jitlob lit-Tribunal sabiex jiddikjara li saret ingustizzja mieghu u li l-istess Tribunal isib rimedju ghall-ingustizzja sofferta mir-rikorrent[2]. Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma li kwistjoni li kellu r-rikorrent ma tinkwadrawx fil-parametri tal-Kap 452. It-Tribunal Industrijali minn dak li hemm stipulat f' artikolu 5 tal-Kap 452 jinnota li dan l-artikolu espressament jistipula li dawk il-kondizzjonijiet maghrufin ghal dawk l-impjegati.

L-artikolu 5 tal-Kap 452 jispecifika is-segwenti:

> **5.** (1) Il-kondizzjonijiet tal-impieg preskritti f'ordni ta' *standard* nazzjonali, jew f'ordni biex jirregola settur, jew ftehim kollettiv, jew stabbiliti bi ftehim volontarju jew deċiżjoni taħt it-Titolu II ta' dan l-Att, jew meħtieġa li jiġu mħarsa b'dan jew skont dan l-Att, ikunu kondizzjonijiet magħrufin ta' impieg għall-impjegati nteressati.

Illi din il-kwistjoni ta' xoghol m'hijiex dwar tkeccija ngusta u, in oltre, r-rikorrent kien jaghmel parti minn grupp ta' haddiema li lkoll kellhom ftehim kollettiv, liema haddiema kienu rapprezentati minn *trade union* waqt in-negozjar ta' dan il-ftehim kollettiv. Illi l-iskop ta' *trade union* huwa propju dak li tassigura li d-drittijiet tal-haddiema jkunu mharsa u kull ilment li seta' kellhom il-haddiema kellu jigi ndirizzat lir-

[1] *Karmenu Vella vs General Workers' Union*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Cit. Nru:774/2009/JZM, 30 ta' Settembru 2010 – Onor. Mhallef Joseph Zammit McKeon.
[2] Rikors promutur tar-rikorrent, Andrea Portelli.

rapprezentanti tal-*union* sabiex jigi diskuss waqt u matul in-negozjati tal-ftehim kollettiv mall-partijiet l-ohra u mhux wara, *ex post facto*.

Illi sub-inciz tnejn (2) tal-artikolu hamsa (5) tak-Kap 452 jaghmillha cara li dawk il-kondizzjonijiet ta' dak il-ftehim kollettiv ghandhom jintbaghtu lid-Direttur, ossia d-Direttur Generali tal-Impijiegi u Relazzjonijiet Industrijali. Dan iffisser li dawk il-kondizzjonijiet ta' dak il-ftehim kollettiv ikunu vinkolanti, ossia jorbtu kemm lill-impjegati u kemm lil min ihaddimhom mieghu (*employer*) b'dak il-Ftehim Kollettiv partikolari.

F'artikolu tnejn (2), ossia l-artikolu li jaghti t-tifsir tal-kliem misjub fil-Kap 452, ftehim kollettiv huwa meqjus bhala:

> "ftehim kollettiv" tfisser ftehim magħmul bejn prinċipal, jew organizzazzjoni waħda jew aktar ta' prinċipali, u organizzazzjoni waħda jew aktar ta' impjegati li għandu x' jaqsam mal-kondizzjonijiet tal-impieg skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi li tkun fis-seħħ f'Malta;

Illi minn din it-tifsira li tohrog minn artikolu 2 u kif ukoll artikolu 5 (1) u (2) tal-Kap 452 wiehed jifhem li ftehim kollettiv huwa parti integrali mil-ligi gialadarba jkun gie ffirmat bejn il-partijiet involuti u mibghut lid-Direttur.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal qieghed jiddeciedi din il-kwistjoni ta' xoghol billi jilqa' l-eċċezzjoni tal-intimata l-Universita` ta' Malta, filwaqt li jichad it-talba tar-rikorrent, Andrea Portelli, u jiddikjara li m'għandux komptenza sabiex jisma' t-talbiet tar-rikorrent, u dan ai termini ta' artikoli 5 tal-Kap 452.

Għall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986 t-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tad-difensuri tal-partijiet f' din il-kwistjoni ta' xoghol fl-ammont ta' tlieta u disghin Ewro u sbatax-il centezmu (€93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(Iffirmat)**
**Dr. Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**